**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 517/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Leeroy Balzan Engerer)**

**-Vs-**

**GERRIT VAN DER VEEN**

**Illum, 23 ta' Settembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta'**GERRIT VAN DER VEEN** ta' dsatax –il sena (19) tressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-15 ta' Awwissu 2018 ghall-habta ta' bejn is-14:30 u t-15:15hrs gewwa dawn il-Gzejjer;

> B'nuqqas ta' hsieb, jew bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti waqt li kien qed isuq 'jet ski' mikri bin-numru ta' registrazzjoni S- 22373, ikkaguna l-mewt ta' Mart de Ruiter, detentur tal-karta tal-identita' Olandiza bin-numru: IN4DJR143

> Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq jew ipprova isuq vettura jew ippruva jkollhu taht kontroll tieghu vettura bil-mutur jew vettura ohra ( jet-ski bin-numru-numru ta' registrazzjoni S- 22373 fi Triq jew f'post pubbliku (bajja ta' San Gorg, San Giljan) meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Awwissu 2018 l-Ufficjal Prosekutur qara u halef l-akkuzi bil-gurament, u sar l-ezami tal-imputat li wiegeb li mhux hati;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha, fosthom il-*proces-verbal* redatt mill-Magistrat Inkwirenti b'rabta mal-incident in dizamina[1];

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-14 ta' Ottubru 2020[2] fejn, ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom, hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe`:

Fl-Artikolu 225(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Fl-Artikoli 15A, 15H u 15I tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha.

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza waqt l-udjenza tal-5 ta' Lulju 2021;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

---

[1] Esebit fit-22 ta' Novembru 2018.
[2] Fol. 254

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li fil-15 ta' Awwissu 2018 għall-habta tat-3.00 p.m. seħħ inċident li fih tilef ħajtu Mart de Ruiter. Dan l-incident seħħ meta tliet żgħażagh Olandiżi - l-imputat, il-vittma Mart de Ruiter u habib tagħhom certu Hendrik Sasbrink – krew jet ski kull wieħed minghand l-azjenda Sun & Fun Water Sports li tinsab gewwa l-Bajja ta' San Gorg fil-lukanda Corinthia Marina. Hemmhekk huma nghataw formola stampata bil-lingwa Olandiza, kontenenti lista ta' struzzjonijiet u regolamenti dwar l-uzu tal-jet skis, fosthom il-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu waqt is-sewqan fuq il-baħar[3]. Filwaqt li l-imputat u sħabu kienu qed isuqu dawn il-jet skis, seħħet kolliżjoni bejn il-jet ski misjuqa mill-imputat bin-numru ta' registrazzjoni S-22373 u dak misjuq minn Mart De Ruiter bin-numru ta' registrazzjoni S-19966, bil-konsegwenza li Mart De Ruiter waqa' fil-bahar u tilef hajtu.

Mill-provi jirriżulta wkoll illi l-imputat u sħabu kienu għamlu lejl barra l-ġurnata ta' qabel, fejn l-imputat xorob bejn għaxra u ħmistax-il flixkun tal-birra qabel mar jorqod ghall-ħabta tas-1.00 p.m. Ghalkemm ma jirrizultax mill-provi li l-imputat u shabu xorbu l-alkoħol fil-ġurnata tal-inċident, ċioe` fil-15 ta' Awwissu 2018, il-kampjun tan-nifs tal-imputat, analizzat ftit tal-hin wara l-incident li fih miet Mart De Ruiter, ipproduca rizultat li wera li l-proporzjon tal-alkoħol fin-nifs tieghu jeċċedi l-limitu stabbilit mil-ligi.

Il-patoloġisti li wettqu l-awtopsja fuq il-kadavru ta' Mart De Ruiter ikkonkludew illi "*the cause of death of this young male is certified as being due to fracture of the base of the skull secondary to a jet ski injury*."[4] Il-mewt kienet ċertifikata mill-espert mediko-legali wkoll mahtur mill-Magistrat Inkwirenti, bhala "*relatata direttament mal-blunt trauma qawwija subita minnu waqt l-incident…*"[5].

[3] Il-formola ffirmata mill-vittma tinsab esebita a fol. 182 tal-atti, flimkien mal-lista ta' struzzjonijiet bil-lingwa Ingliza a fol. 183.
[4] Dok. MTC1, fol 199 u 120.
[5] Dr. Mario Scerri: Dok. MS1, fol-.63.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi m'huwiex kontestat mid-difiza illi l-imputat kien il-persuna li kien qed isuq il-jet ski involut fl-incident mal-jet ski misjuq minn Mart de Ruiter[6]. Mhux kontestat lanqas illi effettivament, Mart de Ruiter miet b'konsegwenza tal-impatt tal-ħabta bejn iz-zewg jet skis – konkluzjoni del resto raġġunta mill-esperti patologisti u medikolegali mahturin fl-istadju tal-*proces-verbal* tal-Inkjesta. Id-difiża, iżda, tikkontendi illi ma nġabitx prova li turi illi l-mewt tal-vittma giet ikkagunata minħabba sewqan negliġenti tal-imputat jew għal xi waħda mir-raġunijiet l-oħrajn imsemmija fl-Artikolu 225(1) tal-Kap. 9 u ma ntweriex lanqas li dan l-event dannuż kien wiehed prevedibbli fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Miżmum dan ferm, dak li trid tistabbilixxi l-Qorti huwa jekk il-ħabta li kkaġunat il-mewt ta' Mart de Ruiter kienet b'xi mod dovut ghal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 225(1) tal-Kodici Kriminali bhala l-elementi kostituttivi tar-reat ta' omicidju involontarju li l-imputat qed jigi addebitat fl-ewwel imputazzjoni:-

"*225. (1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).*

Ghalkemm kif stabbilit, Mart de Ruiter miet b'rizultat tal-impatt mal-jet ski misjuq mill-imputat, sabiex tigi ravviżata ħtija fl-imputat ghal dan ir-reat ta' omicidju involontarju, il-Qorti trid tistabbilixxi jekk l-elementi kostituttivi tar-reat gewx kollha ippruvati sal-grad li teħtieġ il-liġi fil-kamp kriminali, cioe` lil hinn minn kull dubju raġjonevoli. Dawn l-elementi huma essenzjalment tlieta u cioe`:- (1) b'nuqqas ta'

[6] Ara verbal registrat waqt is-seduta tad-29 ta' April 2019.

ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti; (2) kkaġuna l-mewt; (3) ta' persuna.

Jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tressaq quddiem il-Qorti provi li adegwatament jistabilixxu l-ħtija tal-imputat għall-akkadut, u dan billi tipprova waħda mill-forom differenti ta' kondotta kolpuża: (i) in-negligenza, konsistenti generikament f'nuqqas ta' ħsieb, imprudenza jew traskuraġni u li tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-aġent fil-kondotta tieghu; (ii) l-imperizja, li hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali konsistenti f'nuqqas ta' ħila jew imperizja fl-arti jew professjoni jew (iii) il-*culpa* li hi dovuta ghal non-osservanza tal-liġijiet u regolamenti li huma maħsuba biex tigi evitata l-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi[7]. Imbagħad, f'din il-kondotta jrid jiġi identifikat u stabbilit ukoll ness ta' kawzalita' ma' akkadut li huwa dannuz. F'kull kaz, l-elementi tar-reat huma dejjem il-volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannużi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previżjoni ta' dawk l-effetti dannużi. Jekk l-effetti dannużi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesiġix[8], ma hemmx ħtija[9].

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Grech** dik il-Qorti riteniet illi:-

*"Jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha,* ***l-imprudenza, li hi negazzjoni ta' din il-virtu, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali****. Fiz-zewg kazijiet pero, il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta'l-intenzjoni pozittiva indiretta."* [emfasi ta' din il-Qorti]

---

[7] Vide **Il-Pulizija v. Ludwig Micallef**, deċiża 17 ta' Ottubru 2010.
[8] F'liema kaz tigi ravvizata l-colpa levissima li mhijiex inkriminabbli fis-sistema guridika taghna.
[9] Vide in propositu : **Il-Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Kif inghad ukoll fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998:-

*"Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju.*

*Il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-culpa, "... il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere." [Carrara F., "Programma Del Corso Di Diritto Criminale", Vol. I (Parte Generale), p. 88]*

*Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk:*

*"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".*

Ikkunsidrat;

Kif gia` nghad, mhux kontestat u f'kull kaz ġie ppruvat illi f'dan il-kaz, ġiet ikkaġunata l-mewt ta' persuna b'rizultat tal-kolliżjoni, iżda l-Prosekuzzjoni trid tipprova wkoll lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li din il-kolliżjoni seħħet għaliex l-imputat odjern aġixxa b'nuqqas ta' hsieb jew ta' traskuragni jew li naqas milli jħares xi regolamenti u li l-kondotta tieghu f'dan il-kaz kien wiehed kolpuż. Fi kliem ieħor

irid jigi ppruvat in-ness kawżali bejn il-mewt tal-vittma u kondotta kolpuza da parti tal-imputat, b'mod illi din il-kolpa titqies li kienet il-kawża immedjata u prossima tal-mewt ta' Mart de Ruiter.

Wara li fliet il-provi u l-atti processwali, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-imputat agixxa b'kondotta li fiha huma ravviżabbli l-elementi tar-reat taħt l-Artikolu 225 tal-Kap. 9 u li twassal għal ħtija ghar-reat in dizamina. Il-prova ewlenija li tikkonvinċi lill-Qorti li effettivament l-imputat kien negligenti fis-sewqan tieghu għall-fini ta' ħtija għar-reat maħsub fl-Artikolu 225(1) tal-Kap. 9, tinsab prinċipalment fix-xhieda tal-imputat innifsu kif ukoll fir-rapport tal-espert tekniku Mario Buttigieg.

Illi l-imputat da parti tieghu irrilaxxa l-verzjoni tieghu dwar l-inċident ftit tal-ħin wara li sehh l-incident u dan lil PS 1540 Edmond Fenech, xehed bil-ġurament quddiem l-espert nominat fl-inkjesta Mario Buttigieg u xehed ukoll quddiem din il-Qorti. Madanakollu, il-Qorti m'hijiex sejra tqis fil-ġabra tal-provi il-verzjoni mogħtija mill-imputat lil PS 1540 Edmond Fenech għaliex jirriżulta li din il-verżjoni ġiet rilaxxata minnu f'waqt meta kien diga` stabbilit li l-vittma miet b'riżultat ta' impatt mal-jet ski misjuq mill-imputat u għalhekk f'dak l-istadju huwa kellu diga' jitqies bhala persuna suspettata b'rabta mal-kommissjoni ta' reat involontarju. Minkejja dan iżda, ma jirrizultax li l-imputat ġie mogħti d-debita twissija skont il-ligi jew id-dritt ghal assistenza legali. Kemm hu hekk, PS 1540 xehed illi l-imputat tah din il-verzjoni "*b'mod immedjat wara li dak li kien gara*," u kkonferma wkoll li dak il-hin l-imputat kien jinsab taht xokk[10], kif del resto gie affermat mill-imputat innifsu waqt ix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti[11]. B'żieda ma' dan, l-imputat fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti spjega illi huwa ftit li xejn jitkellem u jifhem bl-Ingliz u kien b'dan il-livell fqir tal-Ingliz li huwa rnexxielu jifhem u jikkomunika mal-Pulizija meta kellmuh minnufih wara l-incident, u dan mingħajr lanqas l-assistenza ta' interpretu. Magħdud dan kollu,

[10] Ara fol. 82 u 83.
[11] Xhieda tat-13 ta' Mejju 2021.

il-Qorti tqis li f'kull każ, din il-verżjoni ma tistax tingħata piż probatorju fil-ġabra tal-provi f'din il-kawża u sejra għalhekk tiskartaha.

Imbagħad, meta huwa xehed quddiem l-espert Mario Buttigieg bil-lingwa Olandiza tradotta ghal-lingwa Ingliza mill-interpretu ġuramentat[12], l-imputat stqarr li din kienet l-ewwel darba li huwa saq jet ski. Huwa xehed hekk:- "*I was travelling at a moderate velocity as I was going to turn left. Before the accident we were in the same speed … **Mart was travelling behind me. He was driving on the left hand side. We were travelling around thirty metres apart when I continued to turn towards the left-hand side when I saw him next to me on the left hand side**. At that instant I left off the throttle to slow down **but I still collided into Mart's jet ski**. Once I was doing this manoevre Mart did not change his course then the collision occurred.*"[13]

Madanakollu, meta xehed sussegwentement quddiem il-Qorti l-imputat, għalkemm ikkonferma l-parti l-kbira tad-depożizzjoni tiegħu quddiem l-espert maħtur fl-Inkjesta, stqarr għall-ewwel darba li huwa ħass li kien Mart De Ruiter li ġie fuqu u baqa' dieħel fil-jet ski tiegħu u mhux bil-kontra[14]. Il-Qorti iżda, filwaqt li ma tqisx illi tista' taghti iktar affidabbilita` lill-verżjoni tal-imputat mogħħija kważi tliet snin wara l-inċident, milli lill-verżjoni tiegħu rilaxxata l-għada tal-inċident, hija tal-fehma li mill-atti jirriżulta ppruvat li effettivament, kien l-imputat li baqa' dieħel fil-jet ski tal-vittma u mhux bil-kontra. Din il-konkluzjoni l-Qorti waslet għaliha mhux biss wara li rat id-depozizzjoni tal-istess imputat quddiem l-espert maħtur fl-Inkjesta, Mario Buttigieg, fejn hemmhekk l-imputat xehed b'mod inekwivoku li l-impatt seħħ għaliex huwa ħabat fil-jet ski misjuq mill-vittma ("*I still collided into Mart's jet ski*"), iżda wkoll għaliex l-espert tekniku fir-relazzjoni tieghu rrimarka speċifikatament dwar din l-ammissjoni tal-imputat li kien hu li daħal fil-jet ski tal-vittma u kkostata wkoll illi l-jet ski li kien misjuq mill-vittma ġarrab ħsarat fil-ġenb filwaqt li dak li gie misjuq mill-imputat soffriet ħsarat fuq quddiem. L-espert irrelata hekk fir-rigward:

---

[12] Dr. Dane Munroe.
[13] Rapport ta' Dr. Mario Buttigieg, Dok. MB1, fol, 162. Emfasi tal-Qorti.
[14] "*Jien rajtu gej dirett ghal fuqi*".

"*il-jet ski li kien qed isuq l-imputat jirrizulta li l-jet ski li kien qed isuq Van der Veen dahal fil-jet ski ta' Ruiter b'anglu ta' madwar hamsa u erbghin (45) grad...*"

Din il-kostatazzjoni tirrizulta wkoll oġġettivament mir-ritratti formanti parti mir-rapport ta' WPC 363 Caroline Meilak[15] u r-rapport tal-espert tekniku[16], fejn tidher ċar id-daqqa tal-impatt fil-ġenb tal-jet ski tal-vittma.

Huwa minnu li ma jirriżultax ippruvat sal-grad li teħtieġ il-liġi fil-kamp kriminali, li l-imputat kien qed isuq il-jet ski b'veloċita` eċċessiva: dan huwa affermat mill-espert tekniku Mario Buttigieg li kkostata illi ż-żewġ jet skis ġarrbu ħsarat moderati u kkonkluda wkoll "*li zewg sewwieqa tal-jet skis kienu ghaddejjin b'velocita` baxxa u dan minhabba l-hsarat minimi li l-jet skis soffrew.*" Madanakollu, jirrizulta li l-veloċita` baxxa ma kienetx bizzejjed biex tipprevjeni impatt ta' qawwa suffiċjenti li effettivament ikkaġuna l-mewt tal-vittma. L-espert tekniku fil-fatt, wasal ghas-segwenti konklużjoni fir-relazzjoni tiegħu:

"*Illi ghalkemm il-vittma qalghet daqqa b'velocita` baxxa l-jet ski xorta wahda baqa' tiela' ghal fuq il-vittma bil-konsegwenza illi De Ruiter soffra griehi gravi u wara ftit miet.*"

Din il-kostatazzjoni hija ulterjorment affermata mill-espert mediko-legali li kkonkluda fir-rapport tiegħu illi l-*blunt trauma* subita fil-wiċċ u fuq il-geddum ta' Mart De Ruiter – li wasslet għall-mewt tieghu – kienet waħda « *qawwija* »[17].

Minn dawn il-provi indizzjarji, il-Qorti, b'konvinċiment morali, tqis li huwa ppruvat bhala presunzjoni ta' fatt[18] illi l-vittma miet għaliex il-jet ski tal-imputat baqa' dieħel

[15] Fol. 137, referenza 181261-18WM 109 u 110 – jet ski bin-numru S-19966 li kien qed jinstaq mill-vittma.
[16] Ara fol. 169.
[17] Fol. 77.

fil-jet ski tiegħu u laqtu f'wiċċu u geddumu u kkaġunatlu frattura fil-kranju. Wara kollox, mix-xhieda tal-imputat innifsu jirriżulta li kif seħħet il-kolliżjoni u kien għadu fuq il-jet ski, huwa ra lill-vittma fil-baħar b'rasu 'l isfel u kellu d-demm ħiereġ minn ħalqu[19].

Stabbilit għalhekk illi kien l-imputat li baqa' diehel fil-jet ski tal-imputat u stabbilit ukoll illi għalkemm il-veloċita` tiegħu ma kienetx eċċessiva, id-daqqa li ġarrab il-vittma f'wiccu u geddumu kienet waħda qawwija tant li wasslet għall-mewt tiegħu, il-Qorti, biex issib ħtija fl-imputat għal omiċidju involontarju, trid tgħaddi biex tistabbilixxi wkoll li l-kolliżjoni li kkaġunat il-mewt kienet ikkawżata minn xi kondotta kolpuża tal-imputat fil-parametri ġuridiċi li ġew imfissrin iktar qabel.

Ikkunsidrat ;

Illi meta l-imputat xehed quddiem il-Qorti, huwa fisser li flimkien maż-żewġ sħabu l-oħra, ħareġ bil-mod ħafna mix-xatt fuq il-jet ski u mbagħad kulħadd telaq fid-direzzjoni tiegħu u tbiegħdu ftit. Qal li huwa kien sejjer mix-xatt 'il barra lejn il-baħar miftuħ meta f'ħin minnhom iddeċieda jikser lejn in-naha tax-xellug 'il ghaliex ħass li kien ħiereġ 'il barra wisq:-

"*Jiena qabel ma ghamilt hekk harist warajja, specifikatament kont qed inhares biex nara Mart fejn kien, indunajt li kellu xi tletin metru 'il boghod minni u ddecidejt li nikser lejn ix-xellug. F'dak il-mument li jiena ksirt hassejt li hu gie fuqi u f'dak il-mument gara l-incident. ... Ma kont qed nistennih xejn ghaliex qabel ksirt kont harist warajja... »*

Meta xehed quddiem il-Qorti u fuq mistoqsija tal-Qorti stess, l-imputat qal ukoll illi meta ħares lura qabel beda jikser lejn ix-xellug, huwa ra lil Mart direttament warajh u

[18] Fil-Qorti tal-Appell Kriminali Pulizija vs Claudia Camilleri [deciza 15.11.96] jinghad li tali prezunzjoni ta' fatt tqum fejn meta il-fatti pruvati jkunu fihom infushom tant elokwenti li l-interpretazzjoni logika u naturali taghhom necessarjament u ragjonevolment twassal ghall-prova fi grad sodisfacenti ta' certu fatti.
[19] Fol. 162, xhieda quddiem l-espert Dr. Mario Buttigieg, Dok. MB1.

mhux fuq xi naħa jew oħra tiegħu. Iżda din il-verżjoni tikkuntrasta mhux ftit max-xhieda li ta l-istess imputat bil-ġurament quddiem l-espert Mario Buttigieg fis-16 ta' Awwissu 2018 fejn huwa emfasizza illi meta kien ħares lura u ra lil Mart madwar tletin metru 'l bogħod, Mart kien diġa' fuq in-naħa tax-xellug tiegħu. "***He was driving on the left hand side***. *We were travelling at about thirty metres apart when* ***I continued to turn to the left hand side when I saw him next to me on the left hand side***".[20] Barra minn hekk, il-Qorti tosserva li l-imputat innifsu xehed illi kif huwa u shabu ħarġu mill-bajja kulħadd mar fid-direzzjoni tiegħu u ma baqghux isuqu wara xulxin.

Minn dan jirriżulta illi kien l-imputat li, minflok baqa' jsuq fl-istess direzzjoni, biddel ir-rotta u kiser lejn ix-xellug ossia fid-direzzjoni li minnha kien qed javvinċinah il-vittma u dan bil-konsegwenza li seħħ l-impatt bejn iż-żewġ jet skis. Fil-fehma tal-Qorti, **il-fatt illi *ex admissis* l-imputat, meta ġie biex idur lejn ix-xellug ra l-jet ski misjuq mill-vittma biss tletin metru 'l bogħod minnu fuq l-istess naħa tax-xellug iżda minkejja dan, huwa kompla jdur f'dik l-istess direzzjoni, huwa biżżejjed biex jikkonvinċiha illi f'dawn iċ-ċirkostanzi, ir-riskju ta' impatt mal-jet ski tal-vittma kien wiehed prevedibbli**. Il-korollarju ta' dan hu li l-każ qatt ma jista' jiġi kkunsidrat bhala wieħed ta' *casus* kif issottometta l-abbli difensur tal-imputat waqt it-trattazzjoni.

Ma jirriżultax lanqas illi l-imputat, f'dak il-waqt meta ra lil sieħbu ġej minn warajh, naqqas il-veloċita` tiegħu: huwa xehed illi kien neħħa idu minn fuq il-brake biss meta reġa' ħares u ra l-jet ski tal-vittma viċin ħafna tiegħu u rrejalizza li kien ser isir l-impatt. **Għall-Qorti, il-fatt li huwa kien konxju tal-presenza ta' sieħbu warajh fuq ix-xellug, messu ssenjala lill-imputat il-ħtieġa impellenti li jevita li jkompli jdur lejn ix-xellug, iżda għal xi raġuni, huwa kompla jwettaq din il-manuvra li biha iddipartixxa minn trajettorja għad-dritt u għazel li jdur lejn ix-xellug, bir-riżultat li kien tard wisq meta pprova jwaqqaf l-opra tal-baħar**. Manuvra bħal

[20] Fol. 195. Din ix-xhieda giet moqrija lilu quddiem l-interpretu guramentat. Emfasi tal-Qorti.

din kienet waħda oneruża li tesiġi l-użu ta' kawtela u prudenza massima, mhux biss ghaliex *ex admissis,* din kienet l-ewwel darba li l-imputat kien qed isuq jet ski izda wkoll ghaliex kif jirriżulta mill-provi, bħal kull opra tal-bahar, l-uniku mod li wiehed jista' jnaqqas il-velocita` ta' jet ski jew iwaqqafha hu billi jirrilaxxa idu mill-aċċelleratur.

Il-Qorti tqis illi kien jinkombi fuq l-imputat mhux biss li jzomm *a careful and proper lookout* u jipproċedi b'kawtela, iżda wkoll jaġixxi skont dak li kien jesiġi l-*proper lookout* tieghu. Jekk allura f'dan il-kaz huwa qal li ħares lura u ra lil sieħbu fuq ix-xellug, isegwi li l-imputat messu kien jaf li l-manuvra intiża tieghu seta' jostakola t-trajettorja tal-jet ski tal-vittma u għalhekk messu f'dak l-istess waqt jiddeċiedi li ma jwettaqx il-manuvra tiegħu jew talanqas messu irrilaxxa l-aċċelleratur biex inaqqas il-velocita` u jevita impatt.

Kwantu għar-regola tal-*proper lookout* u dik kontra l-qsim tat-trajettorja ta' sewwieqa ohrajn, il-Qorti tqis illi anke kieku dawn ir-regoli ma kienux, effettivament, fost dawk elenkati fil-lista li ngħatat lill-imputat u lil sħabu qabel rikbu fuq il-jet skis, kull persuna raġjonevoli b'qies ordinarju ta' sens komuni messu jaf illi meta jkun qed isuq vettura sija fit-triq kif ukoll fil-baħar, huwa mistenni li jzomm *a proper lookout* f'kull ħin ghal kull ostakolu, vettura u f'dan il-kaz, opra tal-baħar jew persuna ohra li tista' tinsab fi triqtu jew fid-direzzjoni li sejjer idur fiha. Persuna raġjonevoli tkun taf ukoll li m'għandhiex tibdel ir-rotta taghħa jekk b'din il-manuvra tkun ser tfixkel it-trajettorja ta' vettura ohra jew altrimenti jingħata lok għal riskju ta' inċident. *Multo magis* f'dan il-każ meta l-vettura li kien qed isuq l-imputat, ossia jet ski, m'huwiex munit b'indicators, sistema ta' brakes jew mekkaniżmu ieħor li jwaqqaf il-vettura minnufih. Dawn il-fatturi kollha mehudin flimkien jirrendu iktar gravi l-oneru li kien jinkombi fuq l-imputat li jieħu l-prekawzjonijiet kollha necessarji qabel beda jisker lejn ix-xellug. Skont kif qieset il-Qorti tal-Appell Kriminali li kkwotat mill-Antolisei fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Grech**[21], normi bhal dik li tinzamm *a*

[21] Deciza 6.6.2003.

*proper lookout*, huma normi ta' kondotta soċjali intiżi proprju biex jiġi evitat li jsir ħsara.

B'żieda ma' dan, għandu jingħad ukoll illi l-fatt illi l-imputat ħares lura qabel kiser lejn ix-xellug ma jeżonerahx milli jassigura li din il-manuvra seta' jibdiha u jispiċċaha mingħajr riskju ta' incident. Il-Qorti tirribadixxi l-fehma tagħha li dan ir-riskju kien wiehed inerentement prevedibbli f'manuvra bhal dik li ddeċieda li jwettaq l-imputat, partikolarment meta din il-manuvra twettqet waqt li huwa kien qed isuq opra tal-baħar li evidentement ma kienx familjari maghha u meta mill-provi jirriżulta li l-jet ski misjuq mill-vittma kien qed jinstaq warajh fuq in-naħa tax-xellug cioe` fl-istess direzzjoni fejn huwa ried idur. Huwa bil-wisq ovvju li f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-imputat naqas milli jimxi bid-diliġenza mistennija.

Dwar id-diliġenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-Professur Sir Anthony Mamo jghid hekk:-

*"The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" ... What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (Carrara, Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down.*[22]

Ikkunsidrat;

[22] Lectures in Criminal Law : First Year p 71.

Il-fatt li l-imputat xehed illi huwa qara l-istruzzjonijiet u r-regoli imposti mill-azjenda li krietlu l-jet ski għaliex ħares lura qabel biddel it-trajettorja, ma jfissirx huwa osservahom u lanqas ifisser illi l-imputat huwa meħlus mill-obbligi ġenerali tas-sewqan prudenti tal-opra tal-bahar. Kemm hu hekk, jigi osservat fir-rigward illi meta kiser lejn ix-xellug, l-imputat (għalkemm kien ra lill-vittma miexi warajh), naqas milli josserva wkoll uħud mir-regoli imposti mill-azjenda li krietlu l-jet ski, liema regoli jirriżulta li ingħataw lilu u lil sħabu bil-lingwa Olandiza[23] qabel ħarġu bil-jet skis, fosthom ir-regoli, "*Do not ride over each other's path. ... Keep a good lookout for swimmers, divers and other craft at all times*".

Kwantu għar-regola "*Stay at least 100 metres from all other crafts. ... Do not ride side by side.*" il-Qorti ma tistax ma tosservax illi għalkemm dawn ir-regoli wkoll jidher li ma ġewx osservati fil-każ in diżamina, kien jinkombi b'mod ewlieni fuq il-vittma li kien qed isegwi l-jet ski tal-imputat, li jassigura li tinżamm id-distanza stipolata fir-regolamenti.

In tema ta' ksur ta' regoli tal-kondotta, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fuq citata fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Grech** ikkwotat is-segwenti bran mill-awtur Francesco Antolisei:-

*"Sorgono per tal modo ... delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi socjali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi ... Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato*

[23] Esebiti fl-atti bil-lingwa Ingliża.

*cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che* ***l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi*** *(Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323).*[24]

Dik l-istesss Qorti mbagħad kompliet tenunċja s-segwenti abbażi tal-insenjament tal-Antolisei:-

*« Il-Qorti ... tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudenti jew negligenti mhux biss min jittraskura li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-hajja, izda wkoll min jitraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita'. .... »*

Ikkunsidrat;

Illi konformement ma' dan kollu u wara li qieset il-provi kollha akkwiziti fil-proċess, il-Qorti tirravviza element distint ta' imprudenza fis-sewqan tal-jet ski mill-imputat kif ukoll nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti stabbiliti mill-entita` privata li kriet il-jet skis. Kif stabbilit, minkejja li huwa ra u b'hekk kien konxju li l-vittma kien ġej minn warajh u kien jinsab biss distanza qasira minnu fuq in-naħa tax-xellug, l-imputat iddeċieda li jdur f'dik l-istess direzzjoni mingħajr imqar għamel sinjal lis-sewwieq ta' warajh, jew assigura b'xi mod ieħor li sieħbu fehem l-intenzjoni tieghu li jibdel id-

[24] Emfasi ta' din il-Qorti. Dan il-bran gie citat ukoll b'approvazzjoni mill-istess Qorti fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Grech** deciza fis-6.6.2003.

direzzjoni u jaqsam it-trajettorja tiegħu. Kien altru minn prevedibbli li manuvra bhal dik setghet tikkaġuna riskju ta' inċident għaliex fiha nnifisha setghet tfixkel lis-sewwieq l-iehor li kien qed javvicina lill-imputat minn wara.

L-imputat ma setax leġittimament jistenna illi s-sewwieq li kien gej minn warajh jieqaf jew jibdel ir-rotta biex jevita li jibqa' dieħel fil-jet ski tiegħu meta effettivament il-vittma kellu kull jedd jistenna – abbażi tar-regoli li huma ntrabtu josservaw fis-sewqan tal-jet skis - li s-sewwieq tal-vettura quddiemu ma jagħmilx manuvri ħesrem jew li jaqsam quddiem u jfixkel il-passaġġ tiegħu[25].

Għaldaqstant, il-Qorti hi moralment konvinta illi kienet din il-manuvra tal-imputat, imwettqa fiċ-ċirkostanzi fuq dettaljati u b'nuqqas ta' osservanza tar-regoli imposti għas-sewqan tal-jet ski, li kkaġunat l-event dannuz li wassal għall-mewt ta' Mart De Ruiter. Tqis ukoll li l-event dannuz konsistenti fil-kolliżjoni ma' vettura ohra, seta' faċilment jigi evitat mill-imputat f'dan il-kaz kieku eżerċita l-kawtela u prudenza li evidentement kienet teħtieg il-manuvra intiza tieghu u dan qabel beda jdur lejn ix-xellug ghaliex indubbjament, kieku l-imputat ha l-prekawzjonijiet mehtiega billi waqaf u stenna sakemm il-vittma għaddieh jew kien ċert li seta' jisker mingħajr perikolu ta' kolliżjoni mal-jet ski li kien ġej minn warajh, kieku dan is-sinistru ma kienx iseħħ.

F'dan in-nuqqas tal-imputat tigi ravviżata proprju n-negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti li jipprospetta l-leġislatur fir-reat taħt l-Artikolu 225 tal-Kap. 9 kif ukoll in-ness kawżali bejn l-att attribwibbli lill-imputat li ħoloq l-event dannuż u r-riżultat ta' dan l-att, cioe` l-mewt tal-vittma (li, kif diga` stabbilit, giet ikkawżata mill-impatt tal-kolliżjoni).

Ikkunsidrat;

[25] « Do not cross over each other's path".

Illi d-difiza ghamlet aċċenn fit-trattazzjoni, ghan-negligenza kontributorja da parti tal-vittma.

In tema gie ritenut illi sewwieq ta' vettura ghandu juza d-diliġenza kollha biex jevita persuni jew vetturi oħrajn li jaqsmu quddiemu, anke jekk dawn jaqsmu b'mod traskurat. Iżda huwa ritenut paċifikatament li f'sede kriminali, kull sewwieq iwiegeb għall-aġir tieghu indipendentement minn dak li jagħmel ħaddiehor, ammenoché dak li jiġri ma jkunx dovut unikament u esklussivament lill-kondotta ta' ħaddiehor[26]. Fi kliem ieħor, i**s-sewwieq ta' vettura jista' jkun eżentat mir-responsabbilita` penali biss fl-ipotesi fejn il-vittma b'xi att inaspettat jew xort'ohra b'xi għemil tiegħu ikun issorprenda lis-sewwieq b'mod li poġġieh f'pożizzjoni li, anki bl-użu tad-diligenza, dan ma setax assolutament jevita l-investiment**[27]. F'kull każ ieħor, riskontrat element ta' negliġenza kontributorja tal-vittma, dan l-element ma joperax biex jiskolpa lis-sewwieq mir-responsabbilita` kriminali, iżda jista' jinċidi biss fuq il-kalibrazzjoni tal-piena, għaliex kif rajna, in-negligenza kontributorja ma teżonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawża unika tas-sinistru[28].

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Robert Brincat**[29], intqal hekk in propositu:-

"*Huwa veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali imma biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu , jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut u* ***ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza****. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-*

---

[26] Vide Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri** (16.3.1961); **Il-Pulizija vs. John Polidano** (3.11.1963); **Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud** (XXXVII.IV.1131).
[27] App. Krim. **Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud** [deciza 26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859.
[28] Ara fir-rigward: Vol. XXXVIII.IV.883.
[29] Deciza 22 ta' Novembru 2007.

*pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b' margini sufficienti ta' sikurezza." (App. Krim. Il-Pulizija vs. George Muscat*)" [emfasi ta' din il-Qorti]

In tema, l-Antolisei jikkummenta hekk[30]:-

"*Nell' ipotesi che con la colpa del soggetto attivo del reato concorra la colpa della persona offesa, da alcuni si parla di compensazione delle colpe, nel senso che la colpa dell' uno verrebbe annullata dalla colpa dell' altro ... Cio non puo' ammetersi, perche il principio della compensazione delle colpe, se vale nell' ambito del diritto privato, .... non ha diritto di cittadinanza nel campo penale. Qui la punizione e' reclamata da un interesse pubblico, quindi, dell' eventuale colpa della vittima il guidice terra' conto solo entro i limiti dei suo poteri discrezionali per l' applicazione concreta della pena.*"

Il-Qorti tibda biex tosserva illi fil-fehma tagħha, huwa eskluż illi l-kolliżjoni seħħet għaliex il-vittma kien qed jissorpassa lill-imputat, kif ġie sottomess mid-difiża waqt it-trattazzjoni finali. Wara li eżaminat bir-reqqa x-xhieda u l-provi, tqis illi għalkemm huwa stabbilit li Mart de Ruiter kien qed isuq wara l-imputat fuq in-naħa tax-xellug, ma jirriżultalhiex – għaliex m'hemm l-ebda prova - li huwa żied il-velocita` tiegħu **wara** li l-imputat beda jikser. Għall-kuntrarju, hija tal-fehma li huwa ferm iktar probabbli li l-jet ski tal-vittma avviċina u lahaq dak tal-imputat minhabba tabilħaqq il-manuvra ta' ksur lejn ix-xellug, liema manuvra skont l-imputat innifsu, setgħet titwettaq biss b'veloċita` mhux mgħaġġla[31]. Hu minnu li f'ċirkostanzi bhal dawn wiehed seta' jistenna li l-vittma jnaqqas il-velocita` tiegħu jew jieħu azzjoni evażiva billi jnaqqas il-veloċita' jew jiġbed iktar lejn ix-xellug biex jevita ħabta mal-jet ski tal-imputat, iżda n-nuqqas tal-vittma li jaghmel dan ma jsarrafx necessarjament f'negligenza kontributorja da parti tal-istess vittma ġaladarba huwa stabbilit li l-

[30] *Manuale di Diritto Penale: Parte Generale* (1989) Giuffre, pagna 332.
[31] *"I was travelling at moderate velocity as I was going to turn left."* – xhieda guramentata tal-imputat quddiem l-espert Mario Buttigieg, fol. 195.

manuvra tal-imputat inevitabbilment fixklet il-passagg tiegħu għad-dritt: fatt li huwa ulterjorment ikkonfortat bil-ħsarat riskontrati fiż-żewg jet skis involuti fis-sinistru. Ma jirrizultax lanqas li Mart De Ruiter kien qed isuq b'veloċita` eċċessiva.

Madanakollu, fl-istess hin, stabbilit li l-imputat kien qed isuq quddiem il-vittma, jirriċulta li l-vittma ma kienx qiegħed iżomm id-distanza stipolata mir-regolamenti moghtija lilu meta kera l-jet ski, ċioe` distanza ta' mill-inqas mitt metru mill-jet ski tal-imputat. Dan l-obbligu kien primarjament jinkombi lill-vittma ġaladarba l-imputat kien qed isuq quddiemu iżda għal xi raġuni, l-istess vittma naqas milli jżomm distanza adegwata bejnu u bejn il-jet ski misjuq mill-imputat. Għalkemm bl-ebda mod il-Qorti tirravviża f'dan in-nuqqas tal-vittma, il-kawża determinanti tas-sinistru, ma tistax twarrab il-fatt illi d-distanza qasira li kienet qed tinżamm bejn iż-żewġ jet skis, ma setgħetx ma kkontribwixxietx ghall-akkadut. Dan qed jinghad għaliex iż-żamma tad-distanza preskritta fir-regolamenti hija manifestament intiża biex tippermetti lis-sewwieq ta' wara jieħu azzjoni evażiva tempestiva u effettiva f'kaz li jigi rinfaċċjat b'emergenza subitánea, bħalma del resto gie rinfaċċjat il-vittma fil-każ in diżamina bil-manuvra tal-imputat.

Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti tirravviza element ta' kontributorjeta' da parti tal-istess vittma għall-akkadut li fih tilef ħajtu.

Ikkunsidrat;

Fit-tieni imputazzjoni, l-imputat gie mixli li huwa saq vettura bil-mutur f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq għaliex kien taħt l-influwenza tax-xorb u dan bi ksur tal-Artikolu 15 tal-Kap. 65. Jekk jirriżulta ppruvat li l-imputat kien qiegħed ukoll isuq l-opra tal-baħar taht l-influwenza tax-xorb, din il-prova tista' tigi kkunsidrata wkoll fil-ġabra tal-provi indizzjarji li jistabbilixxu n-negligenza o meno tal-imputat għall-fini tal-ewwel imputazzjoni: wara kollox, is-sewqan taħt l-

influwenza tax-xorb jew droga huwa fattur li evidentement[32] jista' jinċidi b'mod materjali fuq il-kapacita` tas-sewwieq, anke temporanjament, għaliex huwa risaput li dawn is-sostanzi jnaqqsu l-kapaċita` konjittiva tas-sewwieq fil-kalkolu ta' distanzi u t-teħid ta' deċiżjonijiet waqt is-sewqan fost oħrajn.

Skont l-Artikolu 15A tal-Kap. 65, min isuq jew jipprova jsuq jew jipprova jkollu taht il-kontroll tieghu vettura bil-mutur – f'dan il-każ il-jet ski bin-numru ta' registrazzjoni S-22373 - fi triq jew post pubbliku meta m'huwiex f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi, jikkommetti reat kriminali.

Imbaghad, l-Artikolu 15B tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk :-

*Ebda persuna m'għandha ssuq, tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor wara li tkun ikkunsmat tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun iżjed mil-limitu preskritt.*

Iżda l-imputat ma giex mixli bir-reat taħt l-Artikolu 15B tal-Kap. 65 li ma ġiex indikat lanqas fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali. Dan ifisser illi m'huwiex bizzejjed ghall-Prosekuzzjoni li tipproduci rizultat pożittiv ta' test li jkun analizza kampjun tan-nifs mogħti mill-imputat u li juri li l-imputat ikkonsma tant alkohol li jeċċedi l-limitu preskritt mil-liġi. Filwaqt li dan ir-riżultat waħdu huwa biżżejjed biex jissodisfa l-elementi tar-reat taht l-Artikolu 15B, ghas-sejbien ta' ħtija għar-reat taht l-Artikolu 15A tal-Kap. 65 jeħtieġ li jiġi ppruvat ukoll sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, illi l-imputat ma kienx effettivament f'kundizzjoni li jsuq vettura minhabba li kkonsma xorb alkoholiku (jew drogi). Wara kollox, kif inhu risaput, l-effetti tal-konsum ta' alkohol, anke fi kwantitajiet indaqs, ivarjaw skont il-

[32] Dan huwa stabbilit espressament mis-subartikolu (2) tal-Artikolu 15A tal-Kap. 65 : "*(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa.*"

kostituzzjoni u karatteristici ohrajn sija fiżiċi, emottivi kif ukoll psikologici ta' kull individwu.

Issa fil-każ in diżamina, huwa minnu li l-Prosekuzzjoni esebiet riżultat pożittiv ta' test tan-nifs li saret fuq l-imputat madwar saghtejn wara li kien sehh l-incident, meta huwa kien ittieħed ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' San Giljan[33]. Dan ir-rizultat juri li l-imputat kellu proporzjon ta' 034.3 *ug* ta' alkohol f'100 millilitru ta' nifs, liema proporzjon huwa evidentement in eċċess tal-limitu preskritt mil-ligi[34]. Iżda l-Qorti tqis illi l-fatt *ut sic* li l-alkohol li kien xorob l-imputat lejliet l-inċident kien għadu prezenti fin-nifs tieghu f'proporzjon li jeċċedi l-limiti preskritt mil-liġi fil-ħin meta kien qed isuq il-jet ski u meta sehh is-sinistru, **ma jfissirx neċessarjament li l-imputat ma kienx f'kundizzjoni li jsuq il-jet ski minħabba konsum eċċess tal-alkohol**, kif wara kollox jehtieg li jigi ppruvat ghall-fini tar-reat taht l-Artikolu 15A tal-Kap. 65. Għalkemm dan ir-riżultat wahdu jikkostitwixxi prova indizzjarja li għandha tigi meqjusa fil-ġabra tal-provi kollha l-ohra dwar il-kondotta tal-imputat għall-fini tar-reat taħt l-Artikolu 225 tal-Kap. 9, il-Qorti hi tal-fehma illi **r-reat addebitat fit-tieni imputazzjoni jeħtieġ l-adduzzjoni ta' provi ulterjuri li juru pozittivament li l-kwantita` tal-alkohol prezenti fin-nifs tal-imputat in eċċess tal-limitu preskritt mil-ligi, effettivament naqqset il-kapaċita` tieghu li jsuq il-jet ski**.

Iżda qabel il-Qorti tgħaddi biex tevalwa l-prova tar-rizultat tat-test tan-nifs fl-istħarriġ dwar il-kondotta tal-imputat ghall-fini tal-ewwel kif ukoll tat-tieni imputazzjoni, tqis li ghandha taghmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet.

PS 1540 Edmond Fenech xehed[35] illi waqt illi l-imputat kien jinsab gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, huwa dehrlu li kellu jaghmillu *breathylser test* izda mix-xhieda tieghu ma jirrizultax li huwa għamel dan għaliex kien xamm riħa ta' xorb fuq l-imputat, jew ghaliex l-imputat kien qed jagixxi b'mod li tqajjem suspett li huwa kien taht l-effett

[33] Ara xhieda tal-Ispettur Leeroy Balzan Engerer, 29 ta' April 2019, u Dok. RM6, fol. 248.

[34] Il-limitu preskritt mil-Artikolu 15I(1)(a)(i) tal-Kap. 65 hu ta' 22 mikrogramma ta' alkoħol f'100 millilitru ta' nifs.

[35] 11 ta' Ottubru 2018.

tax-xorb. Huwa xehed li kien iddeċieda li jikseb kampjun tan-nifs biss minghand l-imputat, biss minħabba li l-imputat kien qed isuq vettura li kienet involuta f'inċident[36]. L-imputat da parti tieghu, meta xehed quddiem il-Qorti, qal illi ma jiftakarx x'kien ġie spjegat lilu dak il-hin, hlief li huwa fehem li kellu jonfoh fl-apparat.

L-Artikolu 15E(4) tal-Kap. 65 jipprovdi illi persuna li tirrifjuta jew tonqos milli tagħti kampjun meħtieġ hekk kif stabbilit taħt dan l-artikolu jew ir-regolamenti magħmula taħt l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, tkun ħatja ta' reat u toħloq presunzjoni legali illi sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju, il-proporzjon ta' alkoħol fid-demm ta' dik il-persuna titqies li tkun iżjed mil-limitu preskritt. Imbagħad, l-Artikolu 15E(1) tal-Kap, 65 jipprovdi li r-riżultat ta' dan it-test tan-nifs **għandu jkun ammissibbli bħala prova f'kull proċediment għal reat taħt l-Artikoli 15A jew 15B(1)**.

Imbagħad, id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 15D tal-Kap. 65 jaghtu setgha lill-Pulizija li jarrestaw persuna jekk dik il-persuna *inter alia* tonqos milli tagħti kampjun tan-nifs għal test tan-nifs meta meħtieġa tagħmel hekk skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15Ċ, **sakemm dik il-persuna tkun ġiet avżata li n-nuqqas jew ir-rifjut li tagħmel dak meħtieġ kien reat**. Ir-raġuni l-għala trid tingħata din it-twissija lill-persuna li tigi mitluba taghti kampjun ghall-analizi hija ovvja, għaliex meta l-Pulizija teħtieġ li tissomministra t-test tan-nifs biex jittieħed kampjun tan-nifs ghall-fini jigi stabbilit jekk persuna ghamlitx xi reat taht l-Artikolu 15A u l-Artikolu 15B tal-Kap. 65, ir-rifjut tal-persuna li tissottopponi ruhha ghal dan it-test u tagħti l-kampjun rikjest, jammonta ghal reat kriminali u jawtorizza lill-Pulizija jipproċedu għall-arrest ta' dik il-persuna.

Il-korollarju ta' dan kollu hu illi f'kull kaz u fi kwalsiasi xenarju, persuna li tintalab tissottopponi ruha ghal test tan-nifs jew li taghti kampjun ghall-analizi kif prospettat mill-Artikoli 15C, 15E u 15I tal-Kap. 65, **tkun qieghda titqieghed f'sitwazzjoni fejn**

[36] Din ir-raguni hija msemmija mil-ligi fil-paragrafu (d) tal-Artikolu 15C tal-Kap. 65.

**tista' tinkrimina ruhha sija jekk taccetta u sija jekk tirrifjuta li toqghod ghal dan it-test jew taghti l-kamjun rikjest**.

In propositu il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Raymond Grech Marguerat** deciza nhar it-28 ta' Ġunju 2017, iddeċidiet illi t-twissija meta jkun ser jigi issomministrat t-test tan-nifs, ghandha tigi spjegata car u tond. Qalet ukoll hekk:-

"*Dan ghaliex din mhijiex is-solita twissija li hija ikkontemplata fil-ligi ghaliex il-ligi tippresupponi l-htija meta jkun hemm ir-rifjut u allura l-pulizija investigattiva ghandha tkun attentat doppjament meta jinghata l-caution f'dawn il-kazijiet fejn allura l-persuna suspettata ghandha tinghata d-dritt li tikkonsulta ma' avukat qabel ma taghti t-twegiba taghha billi b'tali twegiba tkun tista' tinkrimina ruhha.*

…

***Dan ifisser allura illi mill-mument ta' l-arrest ta' l-appellat meta ittiehed mill-post tal-incident lejn l-ghassa tal-pulizija huwa kellu jigi moghti l-jedd jikkonsulta ma' l-avukat tal-fiducja tieghu qabel ma jinkrimina ruhu bir-rifjut tieghu li joqghod ghat-test tan-nifs li kien qed jigi mitlub jaghmel, iktar u iktar meta kollox kien qed jindika illi l-appellat ma kienx qed jifhem dak li kien qed jinghad lilu***. *Ghal dawn il-motivi ghalhekk din il-Qorti issib illi ma tistax taqleb id-decizjoni liberatorja moghtija mill-Ewwel Qorti.*" [emfasi ta' din il-Qorti]

Din il-pożizzjoni ġiet imħaddna wkoll f'ġurisprudenza iktar reċenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali[37] u l-Qorti tqis illi ghandha wkoll timxi skont dan l-insenjament.

Applikat dan għall-każ li għandha quddiemha, il-Qorti tosserva illi mill-ġabra tal-provi ma jirriżulta mkien illi l-imputat gie mgħarraf jew imwissi preventivament b'dawn il-konsegwenzi legali applikabbli f'każ li kellu jiddeċiedi li jirrifjuta jissottometti ruhu ghal dan it-test. Kemm hu hekk, huwa xehed illi dak il-ħin huwa

[37] Ara fost ohrajn Il-Pulizija vs Matthew Vella – deciza 6.6.2020.

fehem illi din kienet procedura normali f'kaz li jiġru incidenti bhal dawk, ghaliex hekk ukoll kienet il-procedura f'pajjizu[38]. Lanqas inġiebet prova li turi li l-imputat inghata d-dritt li jkollu assistenza legali qabel huwa gie mitlub li jaghti l-kampjun tan-nifs jew jirrifijutah. **Dawn in-nuqqasijiet, fil-fehma tal-Qorti, ghandhom iwasslu sabiex tigi skartata l-prova tar-rizultat tat-test tan-nifs li gie somministrat lill-imputat wara l-incident fatali tal-15 ta' Awwissu 2018, akkwizit fl-atti processwali**.

Ghaldaqstant, it-test pożittiv tan-nifs esebit fl-atti ma jistax jintuża fl-evalwazzjoni tal-kondotta tal-imputat fis-sewqan tal-jet ski meta sehhet il-kollizzjoni in dizamina u konformement, billi ma ġew akkwiżiti l-ebda provi oħra li juru li l-imputat ma kienx f'kundizzjoni li jsuq il-jet ski minhabba konsum ta' alkohol jew drogi, il-Qorti tqis li ma tistax issib htija ghat-tieni imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Hu bil-wisq evidenti li dan l-incident kien traġedja mhux biss minħabba l-fatt li l-vittma, Mart de Ruiter, tilef hajtu b'rizultat ta' dan l-incident fl-eta` tenera ta' dsatax-il sena[39], izda wkoll minħabba l-fatt li mill-provi jirrizulta li l-istess vittma u l-imputat kienu ħbieb tal-qalb, trabbew flimkien u kienu viċin ħafna ta' xulxin tant illi meta sehh l-incident, huma kienu Malta fuq vakanza flimkien. Barra minn hekk, jirrizulta li l-familja tal-vittma, meta waslu Malta jumejn wara l-incident, minnufih esprimew ir-rieda taghhom li jaħfru lill-imputat. Fix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur inqtal ukoll illi l-familja tal-vittma kienu anke pprovaw jipposponu l-funeral tieghu bit-tama li jigi deċiż li l-imputat ma jigix proċessat in konnessjoni mal-incident u b'hekk ikun jista' jattendi ghall-funeral tal-vittma ġewwa l-Olanda.

[38] Xhieda tal-imputat tat-13 ta' Mejju 2021.
[39] Is-sena tat-twelid (1991) indikata fl-okkorrenza esebita a fol. 3 et seq. tal-atti, hija zbaljata.

Din ix-xewqa reġgħet giet ribadita espressament quddiem il-Qorti waqt ix-xhieda ta' Betsie De Ruiter[40], omm il-vittma, li esebiet ukoll Victim Impact Statement (Dok. BDR) fejn għan-nom tal-familja kollha tal-vittma. F'din l-istqarrija, jinghad hekk:-

"*Rutger* (Gerrit) *... has struggled to get his life back together. Who* [*recte.* he] *was overcome by guilt and the thought that his presence caused someone to have a fatal accident. ... To date, the psychological impact has been tremendous, for us but also for Rutger. His life has been "on hold" for the last 35 months. ... As Mart's family, we feel strong that everyone has been punished enough. ... Rutger is already punished enough by the tragic loss of his friend. If you were to convict him, we as Mart's family would feel punished even more.*"

Il-Qorti ma tistax ma tieħux din id-dikjarazzjoni in konsiderazzjoni meta tigi biex teroga l-piena fuq sejbien ta' htija fl-imputat ghar-reat ta' omicidju involontarju. Hi tapprezza li hija x-xewqa tal-familja tal-vittma li ma ssibx ħtija u ma tiġi inflitta l-ebda piena kwalsiasi fuq l-imputat u tifhem ukoll li l-imputat diġa' sofra u għadu qed isofri l-effetti psikoloġiċi qawwijin tal-mewt ta' sieħbu - liema sofferenza x'aktarx ser tibqa' miegħu għal għomru. Madanakollu, fl-istess waqt, il-Qorti għandha dejjem u f'kull każ tapplika l-ligi għall-fattispeċje tal-każ li għandha quddiemha, kif ukoll tinfliggi dik il-piena li hija idonea u misthoqqa skont iċ-ċirkostanzi tal-każ u fil-qies tal-esigenzi mhux biss tal-familja tal-vittma, izda wkoll tas-socjeta` in generali. Il-Qorti tifhem ukoll illi l-piz ta' kwalunkwe sentenza li tista' tigi erogata f'dan il-kaz x'aktarx lanqas jista' jeċċedi l-piz tar-rimors li ser jibqa' jgorr mieghu l-imputat, li del resto huwa guvni li llum ghad ghandu wiehed u ghoxrin sena. Dan il-piz ukoll huwa piena fih innifsu.

B'zieda ma' dan, ma jirrizultax li l-imputat ghandu fedina penali li m'hijiex wahda netta jew li huwa persuna propensa għall-kriminalita` u l-Qorti tqis fermement li m'huwiex il-każ li huwa għandu jintbagħat il-habs sabiex jirriforma ruhu. F'dan il-

[40] Xhieda tal-5 ta' Lulju 2021.

kaz il-Qorti hija sodisfatta illi dan kien inċident sfortunat illi halla konsegwenzi tragici u biex issir ġustizzja, hija wkoll konvinta illi m'ghandhiex tmur ghall-estremi tal-ligi u tapplika l-piena ta' prigunerija effettiva.

Iżda fl-istess waqt, kif gia' ngħad, ghalkemm hija x-xewqa tal-familja tal-vittma li ma tiġix inflitta piena, il-Qorti trid iżżomm quddiem għajnejha l-fatt li mill-provi ġiet ravviżata negliġenza da parti tal-imputat li kkaġunat il-mewt ta' persuna oħra. Madanakollu, fic-cirkostanzi sejra tinfliggi piena li tirrispekkja c-cirkostanzi kkunsidrati f'din is-sentenza, fosthom l-element ta' negligenza kontributorja da parti tal-vittma u l-fatt li l-kollizzjoni kienet diżgrazzja mill-iktar tragika u sfortunata ghal kull min kien involut u ghall-familji rispettivi taghhom.

Fir-rigward, sejra tagħmel ukoll referenza għall-ħsieb tal-Qorti tal-Appell Kriminali f'kaz analogu fejn giet ikkaġunata l-mewt ta' persuna fil-bahar bl-uzu ta' jet ski, fejn intqal hekk kwantu ghall-piena idonea li ghandha tigi inflitta f'kazijiet konsimili u din il-Qorti tikkondividi pjenament dan il-hsieb:-

*"... the above conclusion regarding the victim's contributory negligence, should have a bearing on said punishment, and having considered that in cases of involuntary bodily harm or homicide, the awarding of suspended prison sentences – particularly to foreigners who like appellant live away from these Islands – is not the best and most suited punishment in the circumstances, as such suspended sentences are mainly intended to ensure the rehabilitation of the offender and to deter him from relapsing – a very unlikely event in the case of involuntary offences and accidents – the Court feels that ... the sentence of imprisonment – albeit suspended for two years – should be altered to a pecuniary punishment.*"[41]

**Għal dawn il-motivi filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'**

[41] **The Police (Supt. Pio Pisani) v. David Rigglesford**.

**Malta, issib lil GERRIT VAN DER VEEN hati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannah multa ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2,500).**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil GERRIT VAN DER VEEN ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma komplessiva ta' elf, mitejn u wiehed u ghoxrin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€1,221.41) rapprezentanti zewg terzi (2/3) tal-ispejjez li thallsu lill-esperti li gew nominati fl-istadju tal-*proces-verbal* tal-Inkjesta[42].**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[42] €334.30 (Dr. Mario Scerri, Dok. MS1 a fol. 63 *et seq.*); €167.25 (WPC363 Caroline Meilak); €528.51 (Dr. Ali Sarfraz u Prof. Marie Therese Camilleri Podesta, Dok. MTC1 a fol. 119 *et seq.*); €802.05 (Dr. Mario Buttigieg, Dok. MB01 a fol. 152 *et seq.*). Total ta' €1,832.11.